**IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT - Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni tad-*Data* –**

**Stħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment**

## 1. Kontrollur

Il-kontrollur tad-*data* huwa SG/ECON tal-Bank Ewropew tal-Investiment (il-"BEI").

## 2. Skop tal-ipproċessar

Din id-dikjarazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* tipprovdi informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-*data* personali mwettaq mill-BEI matul it-twettiq tal-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment. Il-BEI jwettaq dawn il-kompiti fl-eżerċitar tal-awtorità mogħtija lilu f'konformità mad-Dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-Istatut tiegħu.

Il-BEI jipproċessa d-*data* personali tas-suġġetti tad-*data* sabiex ikun jista' jwettaq u jimmaniġġja l-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment, b'mod raġonevoli u xieraq, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Id-*data* personali tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (minn hawn 'il quddiem id-DPR tal-UE).

Fil-kuntest tal-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment, kif spjegat fir-reġistru, il-BEI jipproċessa d-*data* personali għall-iskop li jwettaq l-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment, li jiġbor kontributi minn kumpaniji mal-UE kollha u l-Istati Uniti dwar attivitajiet ta' investiment, kundizzjonijiet ta' finanzjament, u sfidi bħat-tibdil fil-klima u t-trasformazzjoni diġitali. L-istħarriġ jinforma d-diskussjonijiet ta' politiki u jappoġġa t-tfassil ta' politiki fil-livelli nazzjonali u tal-UE. Id-*data* personali hija pproċessata wkoll għal komponenti relatati tal-istħarriġ, inkluż il-modulu dwar il-Katina tal-Provvista, l-esperiment online Choice-Based Conjoint (CBC), l-istħarriġ dwar l-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), u l-Istħarriġ tal-BEI dwar il-Muniċipalitajiet. Informazzjoni tal-kumpanija li hija disponibbli għall-pubbliku tista' tiġi mehmuża mad-*data* tal-istħarriġ għal skopijiet analitiċi, filwaqt li jiġi żgurat li ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat individwali fil-livell tal-kumpanija jew fil-livell tal-entità pubblika.

L-istħarriġ se jintuża biex jipprovdi informazzjoni għad-djalogu tal-politika dwar il-fatturi li jagħtu spinta jew dawk li jxekklu l-investiment, u biex jippromwovi t-tfassil ta' politika li tista' tappoġġa aħjar lin-negozji u l-muniċipalitajiet fil-livelli nazzjonali u tal-UE.

Jekk is-suġġetti tad-*data* wieġbu għal ċiklu preċedenti tal-istħarriġ, u jieħdu sehem f'ċiklu ieħor tal-istħarriġ, is-suġġetti tad-*data* jagħtu l-kunsens li r-risposti tagħhom minn kull ċiklu jingħaqdu flimkien. Id-dettalji ta' kuntatt personali ma jiġux inklużi.

Permezz tas-sehem tagħhom fl-istħarriġ, is-suġġetti tad-*data* jagħtu l-kunsens li informazzjoni addizzjonali disponibbli għall-pubbliku dwar il-kumpanija/organizzazzjoni/korp pubbliku tagħhom tiġi mehmuża mad-*data* tal-istħarriġ. L-informazzjoni addizzjonali tittieħed mill-bażi tad-*data* Orbis ta' Moody's, Bloomberg, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni, l-OECD, il-Patt tas-Sindki tal-UE, l-Eurostat, il-Kummissjoni Ewropea u l-bażi tad-*data* dinjija ta' statistika dwar il-privattivi PATSTAT, siti web aċċessibbli għall-pubbliku li fihom informazzjoni dwar kumpaniji jew korpi pubbliċi, u fornituri kummerċjali oħrajn ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Din id-*data* tiġi aggregata jew użata għal skopijiet analitiċi (bħal stimi jew analiżijiet ta' korrelazzjoni), u ma jiġi ppubblikat l-ebda riżultat fil-livell tal-kumpanija/organizzazzjoni/korp pubbliku.

L-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest tal-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment, ma jinvolvix l-eżistenza ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili.

### 3. Bażi Legali tal-ipproċessar

Il-bażi legali għall-ipproċessar ta' *data* personali fil-kuntest tal-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment hija: il-kunsens tas-suġġett tad-*data* u l-interess pubbliku.

### 4. Kategoriji ta' suġġetti tad-*data*

Il-kategoriji li ġejjin ta' suġġetti tad-*data* huma/jistgħu jkunu kkonċernati mill-ipproċessar taħt 2: klijenti tal-BEI, persuni ta' kuntatt ta' kumpaniji (mhux finanzjarji) u istituzzjonijiet pubbliċi.

### 5. Liema *data* personali tiġi pproċessata mill-BEI?

Il-BEI jipproċessa l-kategoriji li ġejjin ta' *data* personali: isem, dettalji ta' kuntatt, titolu, professjoni.

Il-fornitur ta' servizzi tagħna, Ipsos, jipproċessa l-kategoriji li ġejjin ta' *data* personali: isem, dettalji ta' kuntatt, titolu, pożizzjoni, reġistrazzjonijiet awdjo, indirizz tal-IP.

### 6. Il-BEI minn fejn jikseb id-*data* personali?

Id-*data* personali tinkiseb:

- direttament mis-suġġett tad-*data*
- minn bażijiet tad-*data* li fihom informazzjoni ta' kuntatt tal-kumpaniji jew korp pubbliku rrappreżentat mis-suġġett tad-*data.*

### 7. Lil min tiġi żvelata d-*data* personali?

Il-BEI jista' jiżvela d-*data* personali lir-riċevituri li ġejjin:

- Ipsos, il-fornitur tas-servizz tal-BEI, li jista' jikkollabora ma' aġenziji ta' riċerka dwar is-suq u fieldwork biex iwettaq l-istħarriġ bit-telefown madwar id-dinja kollha.
- F'każ ta' kunsens biex jiġu riċevuti r-riżultati tal-istħarriġ, id-*data* personali tista' tiġi kondiviża mal-aġenzija tal-komunikazzjoni tal-BEI, li tipproċessa d-*data* f'isem il-BEI taħt kunfidenzjalità stretta u kundizzjonijiet tas-sigurtà.
- Is-sħab kollha użati matul il-ġbir tad-*data* jiġu approvati u jkunu konformi mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

### 8. Trasferimenti Internazzjonali

It-trasferimenti tad-*data* jsiru lejn ir-Renju Unit, fejn jinsab il-fornitur tas-servizz, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-[klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferimenti Internazzjonali] approvati mill-Kummissjoni Ewropea.

### 9. Il-BEI għal kemm żmien iżomm id-*data* personali?

Id-*data* personali tinżamm biss għal kemm ikun meħtieġ għall-iskopijiet deskritti f'din id-dikjarazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*. Il-kriterji li jiddeterminaw il-perjodu ta' żamma huma dawn li ġejjin:

- L-oqfsa ta' kampjunar miksuba minn bażijiet tad-*data* jew minn siti web disponibbli għall-pubbliku kif speċifikat hawn fuq, jistgħu jintużaw jew jiġu aġġornati bħala qafas ta' kampjunar għal ċikli futuri tal-istħarriġ.
- Il-fajls mibgħuta lill-BEI u/jew lill-aġenzija tal-komunikazzjoni tal-BEI mill-fornitur tas-servizz għall-emails ta' ringrazzjament jintużaw biss għall-iskopijiet li jintbagħat ir-rapport ippubblikat tal-istħarriġ, u jiġu kondiviżi biss fi ħdan il-BEI jew mas-sieħeb tal-komunikazzjoni għat-twettiq tal-iskop.
- Japplika l-perjodu ta' żamma speċifiku għall-fornitur tas-servizz, Ipsos: id-*data* personali tas-suġġetti tad-*data* miġbura għall-iskopijiet taċ-ċiklu attwali tal-istħarriġ se titneħħa b'mod sigur mhux aktar tard minn sena wara li jsir, ħlief jekk is-suġġetti tad-*data* jkunu taw il-kunsens lil Ipsos jew lil kumpanija ta' riċerka oħra biex terġa' tikkuntattjahom għall-finijiet ta' ċiklu ieħor.

## 10. X'inhuma d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u kif jistgħu jeżerċitawhom?

Id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* huma stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 5 tad-DPR tal-UE.

- Is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jiksbu mingħand il-kontrollur konferma dwar jekk id-*data* personali tagħhom hijiex qed tiġi pproċessata, u, jekk iva, biex jaċċessaw id-*data* personali tagħhom billi jikkuntattjaw lill-kontrollur jew permezz tal-UPD tal-BEI (**id-dritt ta' aċċess**).
- Is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jitolbu lill-kontrollur biex jirrettifika kwalunkwe *data* mhux preċiża u/jew li *data* personali mhux kompluta tiġi kkompletata (**id-dritt ta' rettifika**);
- Is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jitolbu lill-kontrollur biex iħassar id-*data* personali tagħhom skont l-Artikolu 19 tad-DPR tal-UE (**id-dritt li wieħed ikun minsi**).
- Is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jitolbu lill-kontrollur biex jirrestrinġi l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom fil-każijiet li ġejjin (**id-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar**):

  (i) jekk jikkontestaw l-eżattezza tad-*data* tagħhom;

  (ii) jekk l-ipproċessar tad-*data* jkun illeċitu u jopponu t-tħassir tagħha;

  (iii) jekk il-kontrollur ma jkunx għad għandu bżonn id-*data* personali msemmija għall-iskopijiet tal-ipproċessar iżda s-suġġett tad-*data* kkonċernat ikun jeħtieġha biex jistabbilixxi, jeżerċita jew jiddefendi pretensjonijiet legali; jew

  (iv) jekk is-suġġetti tad-*data* jkunu oġġezzjonaw għall-ipproċessar tad-*data* tagħhom u l-BEI jkun jixtieq jistabbilixxi jekk il-kontrollur għandux raġunijiet leġittimi li jisbqu d-dritt ta' restrizzjoni tas-suġġetti tad-*data*.
- Is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li **joġġezzjonaw** għall-ipproċessar ta' *data* personali, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom, ħlief jekk il-BEI juri raġunijiet leġittimi imperattivi għall-ipproċessar jew l-istabbiliment, l-eżerċitar jew id-difiża ta' pretensjonijiet legali.
- Is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jirċievu d-*data* personali tagħhom mill-BEI b'mod strutturat, użat b'mod komuni u f'format li jinqara mill-magni sabiex ikunu jistgħu jittrażmettu d-*data* tagħhom lil kontrollur ieħor mingħajr xkiel mill-BEI (**id-dritt għall-portabbiltà tad-*data***).
- Meta l-bażi legali għall-ipproċessar tkun il-kunsens, is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jirtiraw il-kunsens tagħhom fi kwalunkwe ħin. L-irtirar tal-kunsens ma jaffettwax il-legalità tal-ipproċessar ibbażata fuq il-kunsens qabel l-irtirar tiegħu;
- Is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jressqu lment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (www.edps.europa.eu) fi kwalunkwe ħin (id-dritt li tressaq ilment).

## 11. Kuntatt

Jekk is-suġġetti tad-*data* jkollhom xi mistoqsijiet dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, jew jekk ikunu jixtiequ jeżerċitaw xi drittijiet deskritti hawn fuq, jistgħu jikkuntattjawna b'email fuq eibis@eib.org, jew jikkuntattjaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-BEI, is-Sur Pelopidas Donos, b'email fuq p.donos@eib.org jew fl-indirizz li ġej:

Is-Sur Pelopidas Donos

Il-Bank Ewropew tal-Investiment

98-100 boulevard Konrad Adenauer

L-2950 Luxembourg (Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu)